MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 193/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Cristino Azzopardi abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Cristino Azzopardi [534265(M)]**

**Vs**

**Paul Cardona u Simon Caruana**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu li l-konvenuti jhallsu s-somma ta' sitt mija u tmenin lira Maltin u tlieta u sebghin

centezmu (Lm680.73c) rapprezentanti danni kif ahjar spjegat fl-Avviz.
Ra r-Risposta tal-konvenuti.

Simon Caruana fl-ewwel eccezzjoni eccepixxa li l-proceduri huma nulli ghaliex is-socjetajiet attrici ma nfurmawx u ma nnotifikawx lill-konvenuti permezz ta’ dokumenti appositi u relattivi bid-drittijiet tas-surroga, li jippretendu li ghandhom, skond kif titlob il-ligi, u dana wkoll minghajr pregudizzju tal-principju legali ghaliex it-talba hija bbazata in parte fuq surroga ta’ drittijiet u in parte fuq pretensjoni ta’ *excess payment* liema dettalji separati kellhom jigu minn qabel notifikati gudizzjarjament lill-konvenuti.

Illi l-kawza giet differita sabiex tinghata decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni.

Sema’ x-xhieda u ra n-Noti tal-partijiet.

Simon Caruana spjega l-ewwel eccezzjoni tieghu billi qal li skond l-Artikolu 1470 tal-Kodici Civili c-cessjoni trid issir bil-miktub bejn Norwich Union u Fogg u li d-debitur kellu jigi notifikat b’din ic-cessjoni. Il-konvenut sostna li jrid ikun hemm tlett cessjonijiet bil-miktub u li l-pretensjoni ta’ *excess payment* kellu jigi ppruvat u gudizzjarjament notifikat lilu.

Is-socjeta’ attrici spjegat li f’dan il-kaz Fogg tagixxi ta’ agent lokali tas-socjeta’ Norwich u ghalhekk m’hemmx cessjoni ta’ drittijiet. Lanqas kien hemm cessjoni bejn Azzopardi u Fogg ghaliex Fogg qieghda tagixxi kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurat taghha. Saret referenza ghall-Artikolu 1166 (c) li jistabbilixxi li:

“Is-surroga ssir ipso iure favur…ta’ dak li kien obbligat ma’ ohrajn ghall-hlas tad-dejn u kellu nteress ihallsu.”

Minghajr pregudizzju s-socjeta’ attrici qalet li f’kull kaz l-informazzjoni pretiza ai termini ta’ l-Artikolu 1471 tal-Kodici Civili giet debitament mghoddija lid-debituri permezz ta’ Ittra Ufficjali msemmija.

**Ikkunsidra**

Illi skond l-istess okkju tal-kawza, Fogg Insurance Agencies Limited qieghda tidher f'din il-kawza "ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited". Ghalhekk m'hemmx lok ta' cessjoni ta' drittijiet bejn Norwich u Fogg.

Lanqas hemm lok ta' cessjoni bejn Azzopardi u Fogg ghaliex kif jirrizulta mill-istess okkju tal-kawza, l-Avviz hu pprezentat abbazi ta' surroga.

Illi ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ta' Simon Caruana hija nfondata u michuda bl-ispejjez kontra tieghu. Il-kawza qieghda tigi differita ghall-kontinwazzjoni tal-provi ghall-15 ta' Frar, 2006.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------